*Personaġġi magħrufa Mostin:*

# Mastru Salvu Zahra

## Mgħallem, Bennej u Arkitett

*minn* ***Victor B. CARUANA***



Salvatore Zahra twieled il-Mosta fl-24 ta' Awwissu 1874. Huwa kien iben Gio Maria Zahra u Roża née Mizzi. Fis-sena 1896 huwa żżewweġ lil Grazzja née Mifsud u kellhom seba' wlied. Dawn kienu Ġużeppi, Gio Maria, Pietru, Marianna, Franġisk, Karmela u Manuel.

Meta żżewweġ mar joqgħod f'dar li llum ġġib in-numru 85, Triq il-Kungress Ewkaristiku. Waħda mid-djar li bena Mastru Salvu tinsab f'numru 191, Triq il-Kungress Ewkaristiku. Din id-dar kienet isservi bħala Oratorju tas-subien għal madwar tmien snin. Wara, il-familja ta' Salvu Zahra marret toqgħod fiha.

Kienu diversi x-xogħlijiet tiegħu f'oqsma differenti ta' bini u li għadna nistgħu napprezzawhom sal-lum. Bil-għajnuna ta' diversi persuni, ġbart xi tagħrif utli dwar uħud mix-xogħlijiet tiegħu l-aktar importanti, u naħseb li hija xi ħaġa sabiħa li dawn ma jintesewx.

Nibdew mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù li sar fuq pjanta tal-arkitett Salvu Zahra. Ix-xogħol fuqu beda fl-1928 u dam sejjer sal-1935. L-Oratorju ġie nawgurat fit-8 ta' Ġunju 1940.

Bla dubju ta' xejn waħda mill-isbaħ djar li jinsabu fil-Mosta hija Villa Dimech, fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, u hu xogħol ieħor ta' Salvu Zahra. Spiss tara turisti li jieqfu jammirawha u ġieli jistaqsu dwarha u anke jeħdulha ritratti. F'din il-villa, li nbniet fl-1945, kien joqgħod is-sur Carmelo Dimech - benefattur kbir ta' diversi opri kbar li jinsabu fir-Rotunda tal-Mosta.

Ħafna huma dawk in-nies li jammiraw il-Monument ta' Kristu Mejjet li joħroġ fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Mosta. Dan iżżanżan f'Ħadd il-Palm tal-1924. L-iskultur Għawdxi, il-Kav. Wistin Camilleri għamel il-korp ta' Kristu Mejjet filwaqt li l-Urna tiegħu saret mill-iskultur Anton Agius mill-Birgu. Dan kien tħallas kollu kemm hu mis-sur Carmelo Dimech.



Salvatore Zahra, magħruf aktar bħala Mastru Salvu Zahra.

Iżda hemm konnessjoni akbar u aktar importanti marbuta ma' Salvu Zahra u s-sur Carmelo Dimech u din għandha x'taqsam mar-Rotunda. L-aktar xogħol importanti li wettaq Salvu Zahra u li fih wera l-ħila kbira tiegħu kien fuq il-koppla minn ġewwa. Qabel l-1928, il-koppla kien għadha lixxa minn ġewwa. Kien ilha tinħass ix-xewqa li din titkompla bl-iskultura u l-induratura kif kien iddisinjaha l-Perit George Grognet de Vassè.

Fl-1928, inbeda x-xogħol biex isir l-armar sabiex Mastru Salvu jkun jista' jħażżeż id-disinn sabiħ ta' Grognet sabiex wara tkun tista' tiġi skolpita u indurata. L-armar kien responsabbli tiegħu l-Perit Indri Micallef flimkien mas-sur Tusè De Maria. Fil-15 ta' Marzu 1930 inbeda x-xogħol minn Salvu Zahra - xogħol bi preċiżjoni kbira.

Waqt li kont qed niġbor tagħrif għal dan l-artiklu, il-ħabib tiegħi Dun Rafel De Martino laqqagħni ma' Karmnu Galea (Taż-Żannu) li joqgħod fi Triq Gafà, il-Mosta. Karmnu li llum għandu 94 sena u tlett xhur fetaħli l-bieb, daħħalni ġewwa, offrieli x'nixrob hu stess, u beda jirrakkonta.

Meta kienet qed issir din il-biċċa xogħol fil-koppla, kien hemm 7 ħaddiema, li kienu 4 baqquniera u 3 lavranti. Karmnu huwa l-uniku wieħed li għadu ħaj u għandu memorja tajba. Huwa tani tagħrif li ma nixtieqx inżommu għalija u jien ċert li jiġi apprezzat minn dawk kollha li jħobbu l-istorja tal-Mosta.

Qabel ma beda jaħdem ta' baqqunier u wara ta' bennej, Karmnu kien jaqla' x'jiekol billi kien ibiegħ il-melħ bil-ħmara fl-Imġarr, wara li hu kien ikun xtrah mis-Salini. Il-qies li kien juża biex ibiegħ kien il-wejba. Wejba kienet daqs xkora żgħira u kien ikun fiha erba' tomniet.

Meta kellu 23 sena, Karmnu beda jaħdem fix-xogħol tal-bini ma' ċertu Delindu min-Naxxar. Kien ilu



*L-operazzjoni biex jittella' l-armar li ntuża biex tiġi dekorata l-koppla.*

jarahom jarmaw l-armar fuq iz-zuntier u ġewwa, u billi dan ħa aktar minn sena biex intrama', qatt ma basar li kien ser jaħdem fuqu. Ftit ġranet wara li beda x-xogħol iltaqa' mal-ħabib tiegħu Salvu Abela (wieħed mill-baqquniera) u dan ħajru sabiex jitla' jaħdem miegħu fit-tqattiegħ tal-kwadretti u r-rużuni fil-koppla.

L-għada, tella' mazza, skarpell u mannarett u telgħa aktar biex jara milli biex jaħdem. Iżda għalkemm għall-ewwel ħassu xi ftit stramb jaħdem f'dak l-għoli kollu, tant dara li baqa' jaħdem hemm fuq għal madwar seba' xhur sakemm ix-xogħol tat-taqtigħ tar-rużuni kien lest. L-armar kien ġie armat f'żewġ partijiet u l-ewwel tellgħu parti imbagħad oħra bil-winċijiet indawwra bl-idejn. Imbagħad għaqqduhom fuq. Kellu fus fil-lanterna u kien idur fuq ir-roti li kienu fuq it-tambur ta' fuq it-twieqi.

L-armar kien forma ta' taraġ, wieħed kull naħa tal-koppla, kien twil minn fuq dan it-tambur sal-lanterna u kien idur sħiħ. Qabel ma beda xogħol, Salvu Zahra mmarka d-dijametru kollu tat-tambur bil-piedi, minħabba li meta kienu ser idawwruh kienu jaraw li jimxi l-istess qies kull naħa biex ma jimbaramx. Kien ikun hemm raġel fuq il-lanterna u tnejn oħra biex jidderiġuh minn fuq iċ-ċinta, wieħed kull naħa ta' l-armar.

Karmnu kien jaħdem bil-qiegħda fuq kaxxa tal-injam tal-*whisky*. Kien iżomm barmil quddiemu biex jiġbor it-terrapien li kien jinqata'. Dun Ġużepp Borg kien il- Prokuratur li kellu x'jaqsam ma' dan ix-xogħol. Huma kienu jaħdmu bla waqfien mis-7 ta' fil-għodu sal 11.30 meta kienu jinżlu jieklu. Kienu jerġgħu jibdew fis-01.00 ta' wara nofs inhar u jibqgħu sakemm kienu jaraw jaħdmu sewwa, skond iż-żmien tas-sena. Meta kien ikun dawl tajjeb kienu jibqgħu sal-5.30 ta' fil-għaxija, u kienu jaħdmu mit-Tnejn sas-Sibt. Waqt ix-xogħol ma kien hemm l-ebda waqfien għall-ikel. Ġieli kien ikollhom xi biċċa ħobż żgħira fil-but u xi biċċa ġobon u naqra ilma, u din kienu jnaqqruha waqt li jkomplu jaħdmu! Huma kienu jitħallsu sitt xelini (30 ċenteżmu) kuljum.

Dun Ġużepp Borg kellu ħuh li kien inkarigat mill-ħaddiema. Dan kien jismu Pawlu u kellu ħanut tat-tè fil-pjazza qrib ta' fejn illum insibu *Cauchi's Stationery*. Kien ikun hemm ħafna Qriema li kienu jġorru minn kollox fuq il-karettuni biż-żwiemel u l-bgħula tagħhom mill-Belt jew mix-xatt sal-Mellieħa u l-irħula ta' madwar. Kienu jieqfu għat-tè jew kafè kmieni qabel is-sebħ. Kienu jorbtu l-bhejjem tagħhom ma' ħoloq li kien ikun hemm mal-ħajt tal-qrib. Uħud minnhom kienu jitilgħu ftit 'l fuq fi Triq il-Kbira, fejn proprju kien hemm l-Erba' Ħwienet tat-tè, wieħed f'kull tantuniera. Kienu jerġgħu jieqfu hemm għal ħabta ta' nofs inhar fejn kienu jieklu xi platt sħun ġeneralment minestra jew kirxa u ħobż bil-laħam immellaħ.

It-terrapien li kienu jaqtgħu dawn il-baqquniera minn ġol-koppla kien jieħu ħsieb iniżżlu dan Pawlu Borg u kien jitfgħu ġo bir li kien vojt. Kienu jaqtgħu l-fondijiet u imbagħad warajhom kien ikompli l-iskultur li kien mill-Ħamrun. L-ewwel darba li dawwru l-armar kien wara xahar, iżda meta x-xogħol beda jindara kienu jdawwruh ġeneralment kull għoxrin ġurnata.

Damu madwar seba' xhur biex iqattgħu r-rużuni u l-kwadretti kollha. Kienu jaħdmu minn fuq għal isfel u kollha naħa waħda, imbagħad n-naħa l-oħra, imbagħad idawru. Darba kellhom jieqfu għax inkisritilhom waħda



*L-armar kollu lest f'postu minfejn kienu jaħdmu l-ħaddiema għall-induratura tal-koppla.*

mir-roti li fuqhom kien idur l-armar u għalhekk kellhom biċċa xogħol kbira biex jibdluha billi kollox kien armat fil-post u kien diffiċli ħafna biex tgħolli l-armar sħiħ minn naħa waħda.

Waqt li kien qed isir dan ix-xogħol, Salvu Zahra mhux biss kien iħażżeż ir-ružuni u l-kwadretti, iżda kien ukoll jagħti daqqa t'għajn tajba u jsegwi x-xogħol ta' mgħallem li kien. Hu kien bravu ħafna bħala bennej, mgħallem u arkitett, allavolja ma kellux il-lawrja ta' perit, u għalhekk ħafna mill-pjanti li għamel hu, kellhom jiġu ffirmati minn periti professjonali ta' żmienu.

Is-sur Carmelo Dimech, li semmejt qabel, kien ħallas minn butu x-xogħol kollu, inkluż l-iskultura, l-induratura u ż-żebgħa. Karmnu Galea, li tani dan it-tagħrif, huwa miżżewweġ lil Marija u kellhom tmint itfal, li ħamsa minnhom għadhom ħajjin.



Dun Ġużepp Borg, il-Prokuratur tal-Knisja fi żmien li sar ix-xogħol ta' l-induratura.

Anzjan ieħor li tani tagħrif interessanti dwar dan ix-xogħol huwa Paċik Saliba li llum għandu tmenin sena. Kull min jaf lil Paċik, jaf kemm huwa ffissat fuq kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-Knisja u mal-Mosta. Paċik huwa dilettant kbir tan-nar u għamel żmien twil jaħdem il-logħob tan-nar għal Santa Marija. Jien iltqajt miegħu fil-Każin Nicolò Isouard fejn wara li jisma' quddiesa kuljum, tista' tgħid iqatta' l-kumplament tal-ġurnata.

Għalkemm kien għadu tifel, kien jinteressa ruħu ħafna f'dan il-proġett tal-koppla minn ġewwa. Huwa qalli li sa minn meta kien għadu żagħżugħ kien dejjem isaqsi lil ħafna nies akbar minnu u li kienu ħadmu fuqu biex jikseb aktar tagħrif. Huwa kien ra x-xogħol isir, iżda kien meta kiber li seta' jifhem kif kien sar ix-xogħol. Jiftakar ħafna nies tas-sengħa li kollha kienu jaħdmu t-Tarzna jarmaw dan l-armar kbir fuq iz-zuntier. Huwa qalli li naħa waħda ta' l-armar jiġifieri nofsu, kien kważi minn bieb tal-ġenb tal-faċċata tal-knisja sal-bieb tan-naħa l-oħra.



Ġużeppi Zahra, ħu Mastru Salv, bennej li ħadem fuq il-Knisja tal-Bidnija u fuq bini ieħor flimkien ma' ħuh.

Meta lestew l-ewwel nofs, daħħluh fil-knisja u bdew jaħdmu fuq it-tieni parti. Paċik kompla jgħidli li l-armar kien mirfud kollu kemm hu b'ħafna wajers ta' l-azzar u kien hemm diversi nies tas-sengħa li kienu ġew apposta biex jiċċombaw dawn il-wajers b'għodda speċjali.

Paċik qalli li meta kien qed isir dan ix-xogħol u kienu jkunu ser idawwru l-armar, ma kienu jħallu lil ħadd ġol-knisja minħabba l-periklu li seta' jaqa' xi ħaġa. Billi l-knisja tirbombja hemm fuq u kien hemm 'l bogħod min-naħa għall-oħra, meta kienu jkunu ser idawwruh kienu jikkomunikaw permezz ta' żewġ qniepen. Paċik jiftakar li Salvu Zahra kien juża pjanċi taż-żingu bit-toqob sabiex iħażżeż il-kwadretti kif ukoll lis-sur Carmelo Dimech jinżel bil-bagalja fil-ħanut tat-tè ta' Pawlu Borg li semmejna qabel biex iħallas lill-ħaddiema.

Paċik kompla qalli li fl-1947, meta Salvu Zahra kellu 73 sena, riedu jħażżu u jagħmlu l-iskultura u l-induratura taż-żewġ koppletti li hemm fuq iż-żewġ entraturi fil-faċċata tal-knisja. Salvu ħa l-qisien tal-koppletti u qata' bi preċiżjoni pjanċi taż-żingu skond il-qies sabiex ikun jista' jħażżeż id-disinn. Billi issa ż-żmien kien qed jagħfas fuq saħħet Zahra, hu kien jidderieġi x-xogħol, waqt li dan Paċik Saliba, flimkien ma' Pawlu Borg li semmejna qabel u Ċensu Mifsud (iz-ziju ta' Dun Karm Mifsud, id-Direttur Spiritwali tal-Każin Nicolò Isouard), kienu għenuh ħafna fid-disinn.

Iżda kif qalli Paċik, dan Salvu Zahra, għalkemm issa kien kiber sewwa fl-età ma kienx jaqta' qalbu. Fl-istess żmien huwa ħażżeż id-disinn għall-iskultura fuq il-ħames bibien tal-ġebel li hemm kif tidħol fil-knisja mill-bibien tal-ġnub. L-iskultura imbagħad inħadmet mill-iskultur Mosti Ġanni Bonnici li dak iż-żmien kien għadu żagħżugħ ta' sbatax-il sena. Qalli wkoll li l-iskultura fuq ir-ružuni u l-kwadretti tal-koppletti nħadmet mill-iskultur Leli Xiberras mill-Qrendi.

Salvu Zahra għamel ukoll il-pjanta tal-knisja tal-Bidnija, li tagħmel parti mill-Mosta. Dun Rafel De Martino, li jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tar-residenti ta' din l-akkwata, laqqagħni ma' anzjan li kellu x'jaqsam direttament mal-bini ta' din il-knisja. Kumbinazzjoni dan jismu wkoll Karmnu Galea, magħruf bħala 'Tat-Tork'. Dan għandu 95 sena u għadu jiftakar ħafna dettalji importanti. Huwa minn dejjem kien u għadu joqgħod il-Bidnija u tani ħafna tagħrif dwar il-knisja u l-ħajja ta' dak iż-żmien li fiha kienet qed tinbena. Karmnu huwa miżżewweġ lil Pawla u għandhom tmint itfal.

Karmnu qalli li Salvu Zahra għamel il-pjanta u ħa



*Il-Knisja tal-Bidnija ftit wara li tlestiet mill-bini.*

ħsieb ix-xogħol, filwaqt li l-bennej kien Anton Muscat mill-Mosta wkoll. Meta wasal fil-gwarniċun huwa waqaf, u x-xogħol tkompla mill-bennej Ġużeppi Zahra, li kien jiġi hu Salvu. Dak iż-żmien, in-nies tal-Bidnija kienu kollha bdiewa, kif għadhom ħafna minnhom sal-lum. Qabel inbniet din il-knisja, huma kienu jmorru bil-mixi jew fuq xi karettun jew fil-knisja tal-Mosta inkella Għajn Riħana fil-kappella ta' Santa Margerita.

B'xorti tajba nqalgħu żewġt irġiel ħabrieka, wieħed Ġamri Galea (Tat-Tork), illi kien jiġi minn dan Karmnu u ieħor Ġamri Dimech (Taz-Zokra). Dawn bdew jiġbru l-flus mingħand in-nies tal-Bidnija, li bdew ibiegħu l-prodotti tagħhom u jagħtu l-flus għall-knisja. Huma stess kienu l-ikbar benefatturi. L-ewwel ġebla tbierket minn mill-Arċipriet tal-Mosta, Dun Pawl Mallia.

Karmnu kompla qalli li dak iż-żmien, il-Bidnija kien hemm madwar tletin familja. Il-ġebel għall-knisja inqata' minn barriera fil-Mosta fejn it-Torri Cumbo, fl-inħawi ta' Duramblott, aktarx mill-istess post li kien inqata' għall-bini tar-Rotunda. Il-bdiewa tal-inħawi kienu jġorru l-ġebel b'xejn aktarx nhar ta' Ħadd, u ma kienux iġorru aktar minn erba' ġebliet kull darba billi kienu jużaw il-karettuni u t-triq kienet twila. Huma ma kienux jitilgħu dritt mill-Mosta iżda kienu jduru miż-Żebbiegħ għax dik it-telgħa li nużaw illum kienet kollha ħofor, ma kienx hemm pont fuq il-wied u kienet iebsa ħafna għall-bhejjem.



*Dun Ġużepp Calleja Grech, l-ewwel rettur tal-Bidnija.*

Din il-knisja hija ddedikata lis-Sagra Familja u tlestiet fl-1922 u tbierket mill-Isqof Mauro Caruana. Għandha għamla tonda bi tmien twieqi fit-tambur, koppla, lanterna u kampnar wieħed. Fuq quddiem għandha zuntier u fuq il-kampnar hemm statwa tal-Fidi, li kienet tmermret u saret mill-ġdid fl-1977 mill-iskultur Marco Montebello, li għamel ukoll l-istatwi kbar ta' l-Appostli li hemm fil-faċċata tar-Rotunda.

Dun Karm Mifsud, il-Viġendarju tal-Bidnija dak iż-żmien, bierek din l-istatwa, li kienet imħallsa minn Franġisk Sant, u ġiet imqiegħda fil-post minn Ġanni Gatt. Karmnu qalli li kien imur ibiegħ il-bajd biex jiġbor il-flus sabiex sar altar ħelu ddisinnjat ukoll minn Salvu Zahra. Hu kien ibiegħu ħames soldi t-tużżana jew tlett irbgħajja (qisu żewġ ċenteżmi tal-lum!). Huwa semma wkoll lil ċertu Mattew Vella li kien jiġbor ukoll sabiex inbniet din il-knisja. Qalli wkoll li l-altar iddisinjat minn Salvu Zahra kien sewa ħames liri, li ma kienitx somma żgħira għal dak iż-żmien.

Din il-knisja ħelwa ġratilha ħafna ħsara f'Novembru 1954, meta ntlaqtet minn sajjetta. L-ikbar li ġarrbet ħsara kien fil-koppla u fil-lanterna, li l-biċċa l-kbira minnhom kellhom jiġu mibnija mill-ġdid. Il-mara ta' Karmnu qaltli li kien hemm karus tal-metall bil-flus tal-knisja ġo armarju li ntlaqat ukoll, inqasam u l-flus xterdu ma' kullimkien.

Is-Saċerdoti Mostin li kienu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-Bidnija kienu: 1) Dun Ġużepp Calleja Grech; 2) Dun Anton Ellul; 3) Dun Pietru Ellul; 4) Dun Karm Schembri; 5) Dun Vinċenz Caruana; 6) Dun Anġ Camilleri; 7) Dun Karm Mifsud; 8) Dun Ġwann Sammut; 9) Dun Rafel De Martino, li għadu Viġendarju tal-Bidnija sal-lum.

Karmnu kompla li dak iż-żmien kienet ħajja iebsa ħafna għall-bdiewa. L-aktar li kienu jieklu kienu prodotti tar-raba' tagħhom stess. Dak iż-żmien fi tfulitu kien hawn pitkali biss f'Bormla. Wara ħafna żmien, fetaħ ieħor Ħaż-Żebbuġ, imbagħad ir-Rabat u anke aktar 'l quddiem fil-Mosta, fejn Salvu Zahra stess kellu pitkali fi Triq il-Kungress Ewkaristiku f'post magħruf bħala '*Il-Biljard*'.

Insibu aktar xogħlijiet minn Salvu Zahra, fosthom id-disinn tal-lanterna fuq il-koppla tal-kappella tal-Madonna tal-Isperanza li kienet saret fl-1919 fi żmien il-prokuratur Dun Ġwann Fenech. Anke meta z-zuntier tal-knisja tal-Mosta ġie biex jinbidel ħalli jsir skond id-disinn ta'



*L-armar li ntuża biex tissewwa l-fetħa tal-bomba fl-1942.*

George Grognet, Salvu Zahra ġie nkarigat minn dan ix-xogħol.

Fl-1923, Zahra bena wkoll l-Iskola tal-Gvern ta' l-Imġarr. Fl-istess żmien li kienet qed tinbena l-knisja tal-Bidnija, kienet qed tinbena wkoll il-knisja ta' l-Imġarr. Il-pjanti ta' din il-knisja saru mill-arkitett Gio Maria Camilleri mill-Mosta. Iżda meta ġew biex jagħlqu l-koppla, is-surmast Ġanni Cilia u l-imgħallem Ġamri Camilleri ġew mitluba biex iħożżu l-qisien billi kien għadhom mhux lesti. Meta tlesta dan ix-xogħol, intalab il-parir ta' l-imgħallem Salvu Zahra u dan kien qabel magħhom.

Salvu ħadem ukoll xi xogħol fil-knisja ta' l-Abbandunati fil-Wardija kif ukoll taħt id-direzzjoni tiegħu nbniet il-*Connaught House* fil-Furjana li llum isservi bħala *Day Centre* għall-anzjani. Din tinsab quddiem il-knisja ta' Sarrija fejn il-Funtana ta' Wignacourt. Huwa mexxa u ddisinja ħafna xogħol għall-militar. Bena wkoll id-dar ta' l-Arċipriet fil-Pjazza tal-Mosta magħrufa bħala d-*Domus Curialis* fl-1932.

April 1942 kien l-agħar perijodu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Matul dan ix-xahar saru bosta attakki mill-ajru, l-aktar fid-9 ta' April, meta kienu ġġarrfu bosta djar u tilfu ħajjithom bosta nies f'diversi rħula ta' Malta. F'din il-ġurnata ntlaqtu u ġarrbu ħsarat kbar il-knejjes parrokkjali ta' Ħal Luqa, tal-Furjana, Bormla, l-Isla, il-Birgu u dik tal-Kalkara ddedikata lil San Ġużepp li ġġarrfet kompletament.

Il-knisja tal-Mosta ntlaqtet ukoll dak inhar, meta bomba ta' l-għadu nifdet il-koppla u għamlet toqba mdaqqsa li minnha setgħa jgħaddi bniedem. Din ingħalqet proviżorjament għall-kumplament tal-gwerra. Fl-1946, Salvu Zahra ġie nkarigat mix-xogħol biex tissewwa l-ħsara. Ix-xogħol kien wieħed perikoluż, għalhekk Salvu ħadem armar ta' l-injam li kien speċi ta' pont, li ġie mtellgħa mas-saqaf tal-koppla u b'hekk ix-xogħol setgħa jsir aħjar. Għalkemm Salvu Zahra kellu tnejn u sebgħin sena, ma kienx jaqta' qalbu u kien jitla' hemm fuq biex jidderieġi x-xogħol mill-qrib.

L-imgħallem, bennej u arkitett Salvu Zahra miet fit-18 ta' April 1960, u nsibu triq imsemmija għalih fil-Mosta.

***Ħajr:***

*a) Lis-sinjuri anzjani Karmnu Galea tal-Mosta, Karmnu Galea tal-Bidnija u Paċik Saliba tal-Mosta u nixtieqilhom għomor twil.*

*b) Lil Dun Anġ Camilleri, Dun Rafel De Martino, Mons. Dun Alwiġ Deguara, Dun Karm Mifsud, kif ukoll lil Salvinu Zahra (in-neputi ta' Salvu Zahra) tal-għajnuna li tawni.*

*c) Lill-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard u lill-Editur, Frans Deguara, talli tawni din l-opportunità li ngħaddi dan it-tagħrif dwar Mastru Salvu Zahra (kif kien magħruf) u personaġġi konnessi miegħu li tant għamlu ġieħ lill-Mosta.*


# Turner's




Cafeteria- Gelateria

4, St. Paul's Street, Rabat - Tel: 451803